

Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Reviżjoni tar-Regolament LULUCF u r-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi

(2022/C 301/17)

Relatur:	Åsa ÅGREN WIKSTRÖM (SE/PPE), Membru tal-Kunsill tal-Kontea ta' Västerbotten
Dokumenti ta' referenza:	<p>Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/841 fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni, is-simplifikazzjoni tar-regoli tal-konformità, l-istabbiliment tal-miri tal-Istati Membri għall-2030 u l-impenn għall-kisba kollettiva tan-newtralità klimatika sal-2035 fis-settur tal-użu tal-art, tal-forestrija u tal-agrikoltura, u (UE) 2018/1999 fir-rigward tat-titjib fil-monitoraġġ, fir-rapportar, fit-traċċar tal-progress u fir-rieżami</p> <p>COM(2021) 554</p> <p>Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2018/842 dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 li jikkontribwixxi għall-azzjoni klimatika biex jiġu onorati l-impjenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi</p> <p>COM (2021) 555</p>

I. RAKKOMANDAZZJONIJIET SABIEX JITRESSQU EMENDI

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/841 fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni, is-simplifikazzjoni tar-regoli tal-konformità, l-istabbiliment tal-miri tal-Istati Membri għall-2030 u l-impenn għall-kisba kollettiva tan-newtralità klimatika sal-2035 fis-settur tal-użu tal-art, tal-forestrija u tal-agrikoltura, u (UE) 2018/1999 fir-rigward tat-titjib fil-monitoraġġ, fir-rapportar, fit-traċċar tal-progress u fir-rieżami

COM(2021) 554

Emenda 1

Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
(7) <i>Il-Komunikazzjoni tas-17 ta' Settembru 2020 dwar It-tisħiħ tal-ambizzjoni klimatika tal-Ewropa għall-2030 iddeskriviet għażla li l-emissjonijiet agrikoli ta' gassijiet serra mhux tas-CO₂ jingħaqdu flimkien mal-assorbimenti netti tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija, u b'hekk jinħoloq settur tal-art regolat ġdid. Din il-kombinazzjoni tista' tippromwovi sinerġiji bejn l-azzjonijiet ta' mitigazzjoni bbażata fuq l-art u tippermetti tfassil ta' politika u implimentazzjoni ta' politika aktar integrati fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni. Għal dan il-għan, jenħtieġ li jissaħħaħ l-obbligu għall-Istati Membri li jressqu pjanijiet ta' mitigazzjoni integrati għas-settur tal-art.</i>	<i>Jitħassar</i>

Raġuni

L-amalgamazzjoni taż-żewġ setturi tirriskja li tkun kontroproduktiva, ineffiċjenti u inġusta. L-enfasi primarja tal-UE jenħtieġ li tkun li jitnaqqsu l-emissjonijiet, filwaqt li jiġi ottimizzat ukoll il-potenzjal ta' mitigazzjoni tas-settur tal-LULUCF.

Emenda 2

Premessa 8a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
	(8a) <i>Ir-raba', il-bwar u l-artijiet mistagħdra bħalissa huma emittenti netti ta' gassijiet serra fl-Unjoni, iżda għandhom il-potenzjal li jsiru sors ta' assorbimenti netti ta' gassijiet serra, b'mod partikolari permezz tar-restawr tal-artijiet mistagħdra u tat-torbieri.</i>

Emenda 3

Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Sabiex itejbu l-assorbimenti ta' gassijiet serra, il-bdiewa individwali jew dawk li jiġġestixxu l-foresti jeħtieġu inċentiv dirett biex jaħżnu aktar karbonju fuq l-art tagħhom u fil-foresti tagħhom. [...] [...] Dawn l-inċentivi u l-mudelli kummerċjali se jtejbju l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima fil-bijoekonomija, inkluż permezz tal-użu ta' prodotti durabbli tal-injam maħsud, b'rispett sħiħ tal-prinċipji ekoloġiċi li jrawmu l-bijodiversità u l-ekonomija ċirkolari. Għalhekk, jenħtieġ li jiġu introdotti kategoriji ġodda ta' prodotti għall-ħżin tal-karbonju minbarra l-prodotti tal-injam maħsud. Il-mudelli kummerċjali emerġenti, il-biedja u l-prattiki tal-ġestjoni tal-art għat-titjib tal-assorbimenti jikkontribwixxu għal żvilupp territorjali bbilanċjat u tkabbir ekonomiku fiż-żoni rurali. [...]	Sabiex itejbu l-assorbimenti ta' gassijiet serra, il-bdiewa individwali jew dawk li jiġġestixxu l-foresti jeħtieġu inċentiv dirett biex jaħżnu aktar karbonju fuq l-art tagħhom, fil-foresti tagħhom u fi prodotti għall-ħżin tal-karbonju. [...] [...]Dawn l-inċentivi u l-mudelli kummerċjali se jtejbju l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima fil-bijoekonomija, inkluż permezz tal-użu ta' prodotti durabbli tal-injam maħsud u s-sostituzzjoni ta' materjali b'intensità ta' fossili jew karbonju, b'rispett sħiħ tal-prinċipji ekoloġiċi li jrawmu l-bijodiversità u l-ekonomija ċirkolari. Għalhekk, jenħtieġ li jiġu introdotti kategoriji ġodda ta' prodotti kollha għall-ħżin tal-karbonju, inkluż soluzzjonijiet innovattivi ġodda, u bjoenerġija bil-qbid u l-ħżin tal-karbonju, minbarra l-prodotti tal-injam maħsud. Jenħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu wkoll stimi dwar il-potenzjal ta' mitigazzjoni tas-sostituzzjoni ta' materjali b'intensità ta' fossili jew karbonju mal-injam. Il-mudelli kummerċjali emerġenti, l-iżvilupp ulterjuri tal-bjoenerġija bit-teknoloġiji tal-qbid u l-ħżin tal-karbonju, il-biedja u l-prattiki tal-ġestjoni tal-art għat-titjib tal-assorbimenti u l-investimenti fit-tul fil-bijoekonomija jikkontribwixxu għal żvilupp territorjali bbilanċjat u tkabbir ekonomiku fiż-żoni rurali. [...]

Raġuni

L-impatt fuq il-klima ta' prodotti innovattivi b'bażi bijoloġika jenħtieġ li jiġi kkunsidrat bis-sħiħ. Jenħtieġ li jiġu inklużi l-kategoriji rilevanti kollha bħall-polpa, il-karta, il-kartun, il-fuljetta, il-fajberbord, il-bord tal-partikoli, il-pjanċi, l-injam maħdum, it-tessuti, il-komposti, il-linjina, is-sustanzi kimiċi, il-faħam bijoloġiku u prodotti oħra tal-karbonju bijoġeniku.

Il-mira klimatika tal-UE hija li tkun newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju, bl-emissjonijiet tal-fjuwils fossili li essenzjalment jiġu eliminati sal-2050. L-akkademiċi u dawk li jfasslu l-mudelli (eż. in-NU u l-IPPC) jaqblu li, mingħajr l-użu ta' assorbimenti tal-karbonju bbażati fuq it-teknoloġija, ma huwiex probabbli li se nkunu nistgħu nilħqu l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi. Il-bjoenerġija bil-qbid u l-ħżin tal-karbonju (BECCS) hija l-proċess tal-estrazzjoni tal-bjoenerġija mill-bijomassa u l-qbid u l-ħżin tal-karbonju, u b'hekk titneħħa mill-atmosfera.

L-inklużjoni tal-BECCS fir-Regolament hija loġika peress li l-emissjonijiet bijoġeniċi jiġu minn sorsi rinnovabbli li jiġu mkabbra fuq l-art. L-użu tal-istess qafas kontabilistiku għall-prodotti kollha għall-ħżin tal-karbonju, l-emissjonijiet u l-assorbimenti tal-karbonju minn dan is-settur se jgħin biex jiġi evitat l-għadd doppju.

Emenda 4

Premessa 11a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
	<p>(11a) <i>Billi l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti ttejjeb is-sekwestru tal-karbonju u tiġġieled it-tixjiħ tal-foresti u d-diżastri naturali, li huma fost il-fatturi li jikkontribwixxu għat-tnaqqis fl-assorbimenti tal-karbonju fis-settur tal-art f'dawn l-aħħar snin, jenħtieġ li dan ir-Regolament iħeġġeġ prattiki sostenibbli ta' ġestjoni tal-foresti, għat-tipi kollha ta' foresti fl-UE, li jikkontribwixxu għall-mitigazzjoni u għall-adattament għat-tibdil fil-klima, kif deskritt fl-Istrateġija tal-UE għall-Foresti għall-2030.</i></p>

Raġuni

Ir-restrizzjoni żejda tal-possibbiltajiet ta' ġestjoni attiva tal-foresti tħalli lill-foresti aktar vulnerabbli għal ħsarat bħal nirien u tifqigħat ta' pesti kif ukoll tnaqqas il-potenzjal tal-foresti għas-sekwestru tal-karbonju fit-tul.

Emenda 5

Artikolu 1(1)(1)

Regolament (UE) 2018/841

Artikolu 1(e)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>(e) l-impenji tal-Istati Membri li jieħdu l-miżuri meħtieġa lejn il-kisba kollettiva tan-newtralità klimatika fl-Unjoni sal-2035 fis-settur tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija inkluż l-emissjonijiet mill-agrikoltura mhux tas-CO₂;</p>	<p>(e) l-impenji tal-Istati Membri li jieħdu l-miżuri meħtieġa lejn il-kisba kollettiva tan-newtralità klimatika fl-Unjoni sal-2035 fis-settur tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija;</p>

Raġuni

Il-KtR huwa mħasseb li użu tal-art kombinat u settur agrikolu mhux tas-CO₂ jista' jdgħajjef il-progress meħtieġ fis-settur agrikolu peress li d-diffikultajiet li għandu fit-tnaqqis tal-emissjonijiet jistgħu jiġu kkompensati minn setturi oħra bħall-foresti. L-assorbimenti tal-karbonju mis-settur tal-LULUCF għandhom rwol ewlieni fil-kisba tal-oġġettivi klimatiki tal-UE. L-amalgamazżjoni taż-żewġ setturi tirriskja li tkun kontroproduktiva, ineffiċjenti u inġusta. L-enfasi primarja tal-UE jenħtieġ li tkun li jitnaqqsu l-emissjonijiet, filwaqt li jiġi ottimizzat ukoll il-potenzjal ta' mitigazzjoni tas-settur tal-LULUCF.

Emenda 6

Artikolu 1(1)(2)

Regolament (UE) 2018/841

Artikolu 2(2) parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>2. Dan ir-Regolament japplika wkoll għall-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra elenkati fit-Taqsima A tal-Anness I, irrapportati skont l-Artikolu 26(4) tar-Regolament (UE) 2018/1999 u li jseħħu fit-territorji tal-Istati Membri fil-perjodu mill-2026 sal-2030, fi kwalunkwe waħda mill-kategoriji ta' rapportar tal-art u/jew kwalunkwe wieħed mis-setturi li ġejjin:</p>	<p>2. Dan ir-Regolament japplika wkoll għall-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra elenkati fit-Taqsima A tal-Anness I, irrapportati skont l-Artikolu 26(4) tar-Regolament (UE) 2018/1999 u li jseħħu fit-territorji tal-Istati Membri fil-perjodu mill-2026 'il quddiem, fi kwalunkwe waħda mill-kategoriji ta' rapportar tal-art u/jew kwalunkwe wieħed mis-setturi li ġejjin:</p>

Raġuni

Il-KtR huwa mħasseb li użu tal-art kombinat u settur agrikolu mhux tas-CO₂ jista' jdgħajjed il-progress meħtieġ fis-settur agrikolu peress li d-diffikultajiet li għandu fit-tnaqqis tal-emissjonijiet jistgħu jiġu kkompensati minn setturi oħra bħall-foresti. L-assorbimenti tal-karbonju mis-settur tal-LULUCF għandhom rwol ewlieni fil-kisba tal-oġġettivi klimatiċi tal-UE. L-amalgamazżjoni taż-żewġ setturi tirriskja li tkun kontroproduktiva, ineffiċjenti u iġusta. L-enfasi primarja tal-UE jenħtieġ li tkun li jitnaqqsu l-emissjonijiet, filwaqt li jiġi ottimizzat ukoll il-potenzjal ta' mitigazzjoni tas-settur tal-LULUCF.

Emenda 7

Artikolu 1(1)(2)

Regolament (UE) 2018/841

Artikolu 2(3)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>3. Dan ir-Regolament japplika wkoll għall-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra elenkati fit-Taqsima A tal-Anness I, irrapportati skont l-Artikolu 26(4) tar-Regolament (UE) 2018/1999 u li jseħħu fit-territorji tal-Istati Membri mill-2031 'il quddiem, fi kwalunkwe waħda mill-kategoriji tal-art elenkati fil-punti (a) sa (j) tal-paragrafu 2 u fi kwalunkwe wieħed mis-setturi li ġejjin:</p> <p>(a) fermentazzjoni enterika;</p> <p>(b) ġestjoni tad-demel;</p> <p>(c) kultivazzjoni tar-ross;</p> <p>(d) ħamrija agrikola;</p> <p>(e) ħruq awtorizzat ta' meddjet kbar ta' savana;</p> <p>(f) ħruq fl-għelieqi ta' fdalijiet agrikoli;</p> <p>(g) trattament bil-ġir;</p> <p>(h) applikazzjoni tal-urea;</p> <p>(i) "fertilizzanti oħrajn li fihom il-karbonju";</p> <p>(j) "oħrajn";";".</p>	<p>Jitħassar</p>

Raġuni

Il-KtR huwa mħasseb li użu tal-art kombinat u settur agrikolu mhux tas-CO₂ jista' jdgħajjef il-progress meħtieġ fis-settur agrikolu peress li d-diffikultajiet li għandu fit-tnaqqis tal-emissjonijiet jistgħu jiġu kkompensati minn setturi oħra bħall-foresti. L-assorbimenti tal-karbonju mis-settur tal-LULUCF għandhom rwol ewlieni fil-kisba tal-oġettivi klimatiċi tal-UE. L-amalgamazzjoni taż-żewġ setturi tirriskja li tkun kontroproduktiva, ineffiċjenti u iġusta. L-enfasi primarja tal-UE jenħtieġ li tkun li jitnaqqsu l-emissjonijiet, filwaqt li jiġi ottimizzat ukoll il-potenzjal ta' mitigazzjoni tas-settur tal-LULUCF.

Emenda 8

Artikolu 1(1)(3)

Regolament (UE) 2018/841

Artikolu 4(2)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>2. Il-mira tal-Unjoni għall-2030 għall-assorbimenti netti ta' gassijiet serra hija ta' 310 miljun tunnellata ta' ekwivalenti għas-CO₂ bħala somma tal-miri tal-Istati Membri stabbiliti f'konformità mal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, u għandha tkun ibbażata fuq il-medja tad-data tal-inventarju tal-gassijiet serra tagħha għas-snin 2016, 2017 u 2018.</p> <p>(...)</p>	<p>2. Il-mira tal-Unjoni għall-2030 għall-assorbimenti netti ta' gassijiet serra hija ta' 310 miljun tunnellata ta' ekwivalenti għas-CO₂ bħala somma tal-miri tal-Istati Membri stabbiliti f'konformità mal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, u għandha tkun ibbażata fuq il-medja tad-data tal-inventarju tal-gassijiet serra tagħha għas-snin 2016, 2017 u 2018.</p> <p>(...)</p> <p>Sat-30 ta' Ġunju 2024 kull Stat Membru jistabbilixxi kontribuzzjoni nazzjonali għall-mira netta tal-2030 għall-assorbimenti ta' gassijiet serra msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu li tkun oġhla mill-mira nazzjonali stabbilita fl-Anness IIa. Dan il-kontribut jista' jiġi inkluż fil-pjani nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima sottomessi skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2018/1999.</p> <p>Il-kontribut nazzjonali għandu jinkludi informazzjoni u għanijiet fir-rigward tat-tnaqqis tal-emissjonijiet jew iż-żieda fl-assorbimenti ta' gassijiet serra mir-raba', mill-bwar u mill-artijiet mistaġħdra fir-rigward tad-data rrapportata għall-2016, l-2017 u l-2018.</p>

Raġuni

Il-KtR jappoġġja mira ambizzjuża, ġusta u inklużiva tal-LULUCF biex tgħin biex jiġi żgurat li jintlaħqu l-oġettivi klimatiċi tal-UE. L-awtoritajiet lokali u reġjonali huma konxji mill-konsegwenzi tat-tibdil fil-klima fil-prattika u jappoġġjaw azzjonijiet klimatiċi ambizzjużi u ġusti.

Emenda 9

Artikolu 1(1)(3)

Regolament (UE) 2018/841

Artikolu 4(3)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	CoR amendment
<p>3. [...] Dawn it-trajettorji nazzjonali għandhom ikunu bbażati fuq il-medja tad-data tal-inventarju tal-gassijiet serra għas-snin 2021, 2022 u 2023, irrapportata minn kull Stat Membru. Il-valur tal-assorbimenti netti ta' 310 miljun tunnellata ta' ekwivalenti għas-CO₂ bħala somma tal-miri għall-Istati Membri stabbilit fl-Anness IIa jista' jkun soġġett għal korrezzjoni teknika minħabba bidla fil-metodoloġija mill-Istati Membri. Il-metodu għad-determinazzjoni tal-korrezzjoni teknika li għandha tiżdied mal-miri tal-Istati Membri, għandu jiġi stabbilit f'dawn l-atti ta' implimentazzjoni. [...]</p>	<p>3. [...] Dawn it-trajettorji nazzjonali għandhom ikunu bbażati fuq il-medja tad-data tal-inventarju tal-gassijiet serra għas-snin 2021, 2022 u 2023, irrapportata minn kull Stat Membru. Il-valur tal-mira tal-Istati Membri stabbilita fl-Anness IIa u t-310 miljun tunnellata ta' ekwivalenti għas-CO₂ bħala somma tal-miri għall-Istati Membri stabbilit fl-Anness IIa jistgħu jkunu soġġetti għal korrezzjoni teknika minħabba bidla fil-metodoloġija mill-Istati Membri. Il-korrezzjoni teknika li għandha tiżdied mal-mira ta' Stat Membru għandha tikkorrispondi mal-effett tal-bidla fil-metodoloġija u s-sorsi tad-data dwar il-miri u tiġi stabbilita f'dawn l-atti ta' implimentazzjoni. [...]</p>

Raġuni

Huwa importanti li l-Istati Membri jaħdmu kontinwament biex itejbu l-metodoloġija tagħhom u li dan it-titjib ikun rifless ukoll fil-valutazzjoni fil-mira biex jiġu evitati miri mhux proporzjonalment baxxi jew għoljin. L-iżvilupp kontinwu ta' metodi biex tiġi pprovduta data dwar l-attività u fatturi ta' emissjoni raffinati huwa konformi mal-prattika attwali ta' rappurtar. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jiġu mħeġġa jużaw riżultati ġodda mir-riċerka domestika kif ukoll linji gwida aġġornati mill-IPCC u minn riċerka internazzjonali oħra ppubblikata.

Emenda 10

Artikolu 1(1)(3)

Regolament (UE) 2018/841

Artikolu 4(4)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>4. L-emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-Unjoni kollha fis-setturi stabbiliti fil-punti (a) sa (j) tal-Artikolu 2(3) għandhom jimmiraw li jkunu zero netti sal-2035 u l-Unjoni għandha tikseb emissjonijiet negattivi minn dakinhar 'il quddiem. L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jippermettu l-ilħuq kollettiv tal-mira għall-2035.</p> <p>Il-Kummissjoni għandha, sal-31 ta' Diċembru 2025 u abbażi ta' pjanijiet nazzjonali integrati għall-enerġija u l-klima mressqa minn kull Stat Membru skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2018/1999 sat-30 ta' Ġunju 2024, tagħmel proposti għall-kontribut ta' kull Stat Membru għat-tnaqis fl-emissjonijiet netti.”;</p>	<p>Jitħassar</p>

Raġuni

Il-KtR huwa mħasseb li użu tal-art kombinat u settur agrikolu mhux tas-CO₂ jista' jdgħajjef il-progress meħtieġ fis-settur agrikolu peress li d-diffikultajiet li għandu fit-tnaqqis tal-emissjonijiet jistgħu jiġu kkompensati minn setturi oħra bħall-foresti. L-assorbimenti tal-karbonju mis-settur tal-LULUCF għandhom rwol ewlieni fil-kisba tal-oġġettivi klimatiċi tal-UE. L-amalgamazzjoni taż-żewġ setturi tirriskja li tkun kontroproduktiva, ineffiċjenti u iġusta. L-enfasi primarja tal-UE jenħtieġ li tkun li jitnaqqsu l-emissjonijiet, filwaqt li jiġi ottimizzat ukoll il-potenzjal ta' mitigazzjoni tas-settur tal-LULUCF.

Emenda 11

Artikolu 1(1)(7)(b)

Regolament (UE) 2018/841

Artikolu 9(2)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:</p> <p>“2. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 16 sabiex jiġi emendat il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u l-Anness V billi jiżdiedu kategoriji ġodda ta' prodotti għall-ħżin tal-karbonju, inkluż prodotti tal-injam maħsud, li jkollhom effett ta' sekwestru tal-karbonju, abbażi tal-Linji Gwida tal-IPCC kif adottati mill-Konferenza tal-Partijiet għall-UNFCCC jew mill-Konferenza tal-Partijiet li sservi bħala l-Laqqha tal-Partijiet għall-Ftehim ta' Pariġi, u li tiżgura l-integrità ambjentali.”;</p>	<p>il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:</p> <p>“2. Il-Kummissjoni, fil-futur qrib, għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 16 sabiex jiġi emendat il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u l-Anness V billi jiżdiedu kategoriji ġodda ta' prodotti għall-ħżin tal-karbonju, inkluż prodotti tal-injam maħsud, il-bijoenerġija bil-qbid u l-ħżin tal-karbonju u l-kategoriji kollha l-oħra rilevanti ta' prodotti b'bażi bijoloġika, li jkollhom effett ta' sekwestru tal-karbonju, abbażi tal-Linji Gwida tal-IPCC kif adottati mill-Konferenza tal-Partijiet għall-UNFCCC jew mill-Konferenza tal-Partijiet li sservi bħala l-Laqqha tal-Partijiet għall-Ftehim ta' Pariġi, u li tiżgura l-integrità ambjentali.”;</p>

Raġuni

L-impatt fuq il-klima ta' prodotti innovattivi b'bażi bijoloġika jenħtieġ li jiġi kkunsidrat bis-sħiħ. Jenħtieġ li jiġu inklużi l-kategoriji rilevanti kollha bħall-polpa, il-karta, il-kartun, il-fuljetta, il-fajberbord, il-bord tal-partikoli, il-pjanċi, l-injam maħdum, it-tessuti, il-komposti, il-linjina, is-sustanzi kimiċi, il-faħam bijoloġiku u prodotti oħra tal-karbonju bijoġeniku.

Emenda 12

Artikolu 1(1)(14)

Regolament (UE) 2018/841

Artikolu 13c(1)(2)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>Ammont ugwali għall-ammont f'tunnellati ta' ekwivalenti għas-CO₂ tal-emissjonijiet netti żejda ta' gassijiet serra, immultiplikati b'fattur ta' 1,08, għandu jiżdied maċ-ċifra tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra rrapportata minn dak l-Istat Membru fis-sena ta' wara, f'konformità mal-miżuri adottati skont l-Artikolu 15.”;</p>	<p>Jitħassar</p>

Raġuni

Il-KtR jinsab imħasseb li r-rekwiżiti ta' rapportar annwali jistgħu jaffettwaw il-livell lokali u reġjonali billi jippermettu lill-Istati Membri jiġġieldu varjazzjonijiet annwali mhux previsti, permezz ta' deċiżjonijiet dwar it-tibdil rapidu tal-attivitajiet ta' ġestjoni u l-użu tal-art. Dan jista' jaffettwa b'mod negattiv il-kapaċità tal-livell lokali u reġjonali li jiżviluppaw il-bijoekonomija tagħhom stess.

Is-settur tal-LULUCF huwa kkaratterizzat minn varjazzjonijiet u inċertezzi naturali fil-kejl tal-flussi tal-karbonju. Ma huwiex possibbli għal Stat Membru li jikkontrolla l-flussi tal-karbonju tar-raggruppamenti tas-settur tal-art għal kull sena. Għalhekk, ma huwiex possibbli li jiġu stabbiliti miri annwali u li jiġi impost ksur fuq in-nuqqas ta' konformità fuq bażi annwali.

Emenda 13

Artikolu 1(1)(15)

Regolament (UE) 2018/841

Artikolu 14(1)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
(...)	(...)
Ir-rapport tal-konformità għandu jinkludi valutazzjoni ta':	Ir-rapport tal-konformità għandu jinkludi valutazzjoni ta':
(a) il-politiki u l-miżuri fir-rigward tal-kompromessi;	(a) il-politiki u l-miżuri fir-rigward tal-kompromessi;
(b) is-sinerġiji bejn il-mitigazzjoni ta' u l-adattament għat-tibdil fil-klima;	b) is-sinerġiji bejn il-mitigazzjoni ta' u l-adattament għat-tibdil fil-klima;
(c) is-sinerġiji bejn il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-biodiversità.	(c) is-sinerġiji bejn il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-biodiversità.
(...)	(d) <i>sinerġiji bejn il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, l-adattament u l-iżvilupp tal-bijoekonomija, inklużi stimi dwar it-tnaqqis tal-gassijiet serra assoċjati mas-sostituzzjoni ta' materjali b'intensità ta' karbonju u fossili b'materjali bbażati fuq l-injam.</i>
(...)	(...)

Raġuni

L-appoġġ għall-użu tal-prodotti kollha bbażati fuq il-foresti jħaffef it-tranżizzjoni lejn bijoekonomija ċirkolari li tissostitwixxi materjali u emissjonijiet ibbażati fuq il-fossili. Ta' min jinnotta li l-benefiċċju ta' sostituzzjoni (jiġifieri, it-tnaqqis tal-emissjonijiet assoċjati mal-produzzjoni ta' prodotti bbażati fuq l-injam meta mqabbla ma' materjali u prodotti oħra li huma funzjonalment ekwivalenti) huwa assoċjat kemm ma' prodotti tal-injam b'ħajja twila kif ukoll ma' prodotti bbażati fuq il-fibra.

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2018/842 dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 li jikkontribwixxi għall-azzjoni klimatika biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi

COM(2021) 555

Emenda 14

Premessa 6 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
	<p><i>L-ilħuq tal-objettiv tan-newtralità klimatika sa mhux aktar tard mill-2050 jista' jiġi mxekkel minn diverġenza eċċessiva fil-Miri tal-Istati Membri għall-Kondiviżjoni tal-Isforzi; fil-kuntest tal-perjodu 2021-2027, il-programmazzjoni tal-Fondi tal-Politika ta' Koeżjoni, u b'mod partikolari tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, tal-Fond ta' Koeżjoni, u tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta jenħtieġ li tipprevedi programmi mfassla apposta, assi prijoritarju, strateġiji u pjani territorjali li għandhom ukoll l-għan li jagħtu spinta lill-kapaċitajiet tal-Istati Membri fit-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra fis-setturi koperti mir-Regolament 2018/842 u b'hekk jikkontribwixxu għal konverġenza aħjar fil-miri tagħhom diġà f'dan il-perjodu ta' programmazzjoni.</i></p>

Emenda 15

Premessa 18 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
	<p>(18a) <i>Biex l-objettiv ta' 1,5 °C jinżamm fil-limitu u tiġi żgurata l-ġustizzja klimatika jeħtieġ li jkun hemm sforz kollettiv tas-setturi kollha tal-ekonomija, inkluż mill-agrikoltura. Fil-viżjoni strateġika tagħha fit-tul għal ekonomija għanja, moderna, kompetittiva u newtrali għall-klima ⁽¹⁾, il-Kummissjoni kkonfermat li l-emissjonijiet ta' gassijiet serra mhux tas-CO₂ mill-agrikoltura jistgħu jitnaqqsu għal 211 MtCO₂e fl-2050, u b'hekk titnaqqas il-ħtieġa ta' teknoloġiji ta' emissjonijiet negattivi mhux sostenibbli biex jintlaħqu emissjonijiet tal-gassijiet serra zero netti. Madankollu, xi setturi skont dan ir-Regolament f'it li xejn għamlu progress f'dawn l-aħħar snin. Il-kontributi minimi tas-settur għall-kisba tal-mira għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra fil-livell tal-UE stabbilita minn dan ir-Regolament għall-2030 u lil hinn, akkumpanjati minn monitoraġġ, rapportar u miżuri xierqa mill-Kummissjoni, jaħdmu biex jiżguraw li s-setturi kollha tar-Regolament dwar il-kondiviżjoni tal-isforzi jikkontribwixxu għall-ilhug f'waqtu tal-objettivi klimatiċi. Ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jirrikjedi li l-Istati Membri jiżviluppaw strateġiji fit-tul li jikkontribwixxu għat-twetiq tal-impenji tal-Istati Membri għall-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi u l-kisba ta' tnaqqis fit-tul tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u titjib fl-assorbimenti minn bjar fis-setturi kollha f'konformità mal-objettiv tan-newtralità klimatika tal-Unjoni. Dawn l-istrateġiji, kif ukoll pjani u rapporti oħra tal-Istati Membri skont ir-Regolament (UE) 2018/1999, se jintużaw mill-Kummissjoni biex tistabbilixxi u timmonitorja l-kisba kollettiva tal-miri tas-settur tar-Regolament dwar il-kondi- viżjoni tal-isforzi fil-livell tal-UE.</i></p> <p>⁽¹⁾ <i>Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Regġuni u lill-Bank Ewropew tal-Investment: Pjaneta Nadifa għall-kulħadd – Viżjoni strateġika Ewropea fit-tul għal ekonomija għanja, moderna, kompetittiva u newtrali għall-klima</i></p>

Emenda 16

Artikolu 1(1)(3)(a) (ġdid)

Regolament (UE) 2018/842

Artikolu 4(3)(a) ġdid

Test attwali	Emenda tal-KtR
	<p>(3a) fl-Artikolu 4 jiżdied il-paragrafu 3a li ġej:</p> <p>Il-miri tal-Istati Membri għat-tnaqqis tal-emissjonijiet għas-sena 2030 u lil hinn</p> <p>Biex jinkisbu l-objettiv tan-newtralità klimatika stabbilit fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) 2021/1119 (“il-Liġi Ewropea dwar il-Klima”), u l-mira klimatika għall-Unjoni kollha għall-2040 skont ir-Regolament (UE) 2021/1119, il-Kummissjoni għandha tagħmel proposta leġislattiva sa tmiem l-2025, kif xieraq, abbażi ta’ valutazzjoni tal-impatt dettaljata, biex temenda dan ir-Regolament biex tintroduċi kontributi minimi tas-settur għall-kisba tal-mira tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra fil-livell tal-UE stabbilita b’dan ir-Regolament għas-sena 2030 u lil hinn minnha, akkumpanjata minn monitoraġġ, rapportar u miżuri xierqa biex jiġi żgurat li s-setturi kollha skont dan ir-Regolament jikkontribwixxu għall-kisba f’waqtha tal-objettivi klimatiċi.</p>

Raġuni

L-iżgurar li s-setturi kollha jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b’effett ta’ serra.

Emenda 17

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3b (ġdid)

Regolament (UE) 2018/842

Artikolu 5(1) u (2)

Test attwali	Emenda tal-KtR
<p>1. Fir-rigward tas-snin mill-2021 sal-2025, Stat Membru jista’ jissellef kwantità li ma taqbiżx l-10 % mill-allokazzjoni annwali tal-emissjonijiet tiegħu għas-sena sussegwenti.</p> <p>2. Fir-rigward tas-snin mill-2026 sal-2029, Stat Membru jista’ jissellef kwantità li ma taqbiżx 5 % mill-allokazzjoni annwali tal-emissjonijiet tiegħu għas-sena sussegwenti.</p>	<p>(3b) Fl-Artikolu 5, il-paragrafi 1 u 2 huma sostitwiti b’dan li ġej:</p> <p>“1. Fir-rigward tas-snin mill-2021 sal-2029, Stat Membru jista’ jissellef kwantità li ma taqbiżx 5 % mill-allokazzjoni annwali tal-emissjonijiet tiegħu għas-sena sussegwenti.”</p>

Raġuni

Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni tar-regolament, huwa rakkomandabbli li titnaqqas il-flessibilità biex b'hekk jiġi evitat li restrizzjonijiet fuq żmien qasir li jingħataw mis-self jagħtu lok għal problemi ta' implimentazzjoni fuq perjodu medju ta' żmien, anke għall-awtoritajiet lokali u reġjonali li ħafna drabi ma jkunux involuti direttament fid-deċiżjonijiet nazzjonali dwar il-flessibilità.

Emenda 18

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3c (ġdid)

Regolament (UE) 2018/842

Artikolu 5(4)

Test attwali	Emenda tal-KtR
<p>4. Stat Membru jista' jittrasferixxi sa mhux aktar minn 5 % tal-allokkazzjoni annwali tal-emissjonijiet tiegħu ta' sena partikolari lil Stati Membri oħra fir-rigward tas-snin mill-2021 sal-2025, u sa mhux aktar minn 10 % fir-rigward tas-snin mill-2026 sal-2030. L-Istat Membru riċevanti jista' juża dik il-kwantità għall-konformità skont l-Artikolu 9 għas-sena partikolari jew għal snin sussegwenti sal-2030.</p>	<p>(3c) Fl-Artikolu 5, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:</p> <p>4. Stat Membru jista' jittrasferixxi sa mhux aktar minn 5 % tal-allokkazzjoni annwali tal-emissjonijiet tiegħu ta' sena partikolari lil Stati Membri oħra fir-rigward tas-snin mill-2021 sal-2030. L-Istat Membru riċevanti jista' juża dik il-kwantità għall-konformità skont l-Artikolu 9 għas-sena partikolari jew għal snin sussegwenti sal-2030.</p>

Raġuni

It-trasferimenti jenħtieġ li jkunu limitati biex tiġi żgurata implimentazzjoni effettiva fl-Istati Membri kollha. Għandu jiġi enfasizzat li Stat Membru wieħed b'potenzjal ta' trasferiment jista' jkollu disparitajiet reġjonali. Qabel ma jitqiesu t-trasferimenti lejn pajjiżi oħra jenħtieġ li jitqiesu l-isfidi reġjonali.

Emenda 19

Artikolu 1(1)(5a) (ġdid)

Regolament (UE) 2018/842

Artikolu 8

Test attwali	Emenda tal-KtR
<p>1. Jekk il-Kummissjoni, fil-valutazzjoni annwali tagħha ssib skont l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) Nru 525/2013 u waqt li tqis l-użu maħsub tal-flessibilitàjiet imsemmi fl-Artikoli 5, 6 u 7 ta' dan ir-Regolament, li Stat Membru ma jkunx qed jagħmel progress suffiċjenti biex jonora l-obbligi tiegħu skont l-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament, dak l-Istat Membru għandu, fi żmien tliet xhur, jippreżenta pjan ta' azzjoni korrettiva lill-Kummissjoni li jinkludi:</p> <p>(...)</p>	<p>(5a) Artikolu 8 jinbidel b'dan li ġej:</p> <p>1. Jekk il-Kummissjoni, fil-valutazzjoni annwali tagħha ssib skont l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) Nru 525/2013 u waqt li tqis l-użu maħsub tal-flessibilitàjiet imsemmi fl-Artikoli 5, 6 u 7 ta' dan ir-Regolament, li Stat Membru ma jkunx qed jagħmel progress suffiċjenti biex jonora l-obbligi tiegħu skont l-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament, dak l-Istat Membru għandu, fi żmien tliet xhur, jippreżenta pjan ta' azzjoni korrettiva lill-Kummissjoni li jinkludi:</p> <p>(...)</p>

Test attwali	Emenda tal-KtR
<p>2. Skont il-programm ta' ħidma annwali tagħha, l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent għandha tassisti lill-Kummissjoni fil-ħidma tagħha biex tivvaluta kwalunkwe pjan ta' azzjoni korrettiva.</p> <p>3. Il-Kummissjoni tista' toħroġ opinjoni dwar kemm huma b'saħħithom il-pjanijiet ta' azzjoni korrettiva ppreżentati f'konformità mal-paragrafu 1 u f'dak il-każ għandha tagħmel dan fi żmien erba' xhur mill-wasla ta' dawk il-pjanijiet. L-Istat Membru kkonċernat għandu jqis l-opinjoni tal-Kummissjoni bir-reqqa u jista' jirrevedi l-pjan tiegħu skont dan.</p>	<p>(c) fil-każ ta' disparitajiet reġjonali sinifikanti fil-pres-tazzjoni jew sfidi strutturali serji fil-livell reġjonali, bħal fil-każ ta' ċerti żoni insulari, il-pjan ta' azzjoni korrettiva għandu jinkludi dispożizzjonijiet speċifiċi għal dawn il-problemi.</p> <p>(...)</p> <p>2. Skont il-programm ta' ħidma annwali tagħha, l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent għandha tassisti lill-Kummissjoni fil-ħidma tagħha biex tivvaluta kwalunkwe pjan ta' azzjoni korrettiva.</p> <p>3. Il-Kummissjoni tista' toħroġ opinjoni dwar kemm huma b'saħħithom il-pjanijiet ta' azzjoni korrettiva ppreżentati f'konformità mal-paragrafu 1 u f'dak il-każ għandha tagħmel dan fi żmien erba' xhur mill-wasla ta' dawk il-pjanijiet. L-Istat Membru kkonċernat għandu jqis l-opinjoni tal-Kummissjoni bir-reqqa u jista' jirrevedi l-pjan tiegħu skont dan. L-Istat Membru għandu jipubblika l-opinjoni tal-Kummissjoni u jiżgura li din tinxtered fost l-awtoritajiet lokali u reġjonali.</p> <p>4. L-Istat Membru għandu jiżgura l-pubblikazzjoni tal-pjan ta' azzjoni korrettiva u r-rieżamijiet potenzjali u t-tixrid fost l-awtoritajiet lokali u reġjonali.</p>

Raġuni

Il-pjani ta' azzjoni biex jiġu solvuti sitwazzjonijiet problematiċi jeħtieġ li jinkludu miżuri għal-livell reġjonali jekk il-problemi reġjonali jkunu kawża sinifikanti tas-sitwazzjoni. L-awtoritajiet lokali u reġjonali jeħtieġ li jiġu infurmati dwar il-pjani ta' azzjoni biex jikkontribwixxu bis-siħh għall-politika dwar il-klima.

II. RAKKOMANDAZZJONIJIET TA' POLITIKA

IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI (KtR),

1. huwa konxju mill-effetti devastanti tat-tibdil fil-klima fuq il-komunitajiet lokali u jirrikonoxxi l-ħtieġa ta' azzjonijiet b'saħħithom biex jintlaħqu l-miri klimatiki meħtieġa tal-UE. Il-KtR jappoġġja impenn ta' livell għoli dwar il-LULUCF iżda jtenni wkoll il-ħtieġa għal flessibilità biex jintlaħqu l-miri;

2. jemmen li l-awtoritajiet lokali u reġjonali bla dubju għandhom rwol deċiżiv fis-setturi koperti mir-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi⁽¹⁾ u tar-Regolament dwar il-LULUCF⁽²⁾, peress li dawn ir-regolamenti jirrikjedu l-inklużjoni tad-dimensjoni territorjali. Dawn huma oqsma li fihom l-awtoritajiet lokali u reġjonali jistgħu jkunu attivi, fuq il-bażi tar-responsabbiltajiet u s-setgħat legali tagħhom;

3. jappella sabiex il-miżuri tar-Regolament LULUCF jinżammu f'konformità mal-oġġettivi tal-Istrateġija għall-Bijodiversità u l-Istrateġija tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima. Sabiex jintlaħqu l-għanijiet klimatiki, huwa essenzjali li kull Stat Membru, f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet lokali u reġjonali, jimplementa qafas legali fir-rigward tal-foresti li jiżgura bilanċ bejn il-produzzjoni, il-bijodiversità u l-protezzjoni;

(1) Ir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 li jikkontribwixxi għall-azzjoni klimatika biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 26).

(2) Ir-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-inklużjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra minn użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija fil-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 u d-Deċiżjoni Nru 529/2013/UE (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 1).

4. jenfasizza li t-tranżizzjoni ma tridx isseħħ għad-detriment tal-koeżjoni territorjali u ma tridx tpoġġi friskju l-aktar gruppi u territorji vulnerabbli. L-Istati Membri u s-setturi kollha tal-ekonomija għandhom jikkontribwixxu biex ikun hemm tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO₂ abbażi ta' bilanċ bejn kunsiderazzjonijiet ta' ġustizzja u ta' solidarjetà. F'dan ir-rigward, iqis li l-valutazzjonijiet tal-impatt territorjali fir-rigward tal-bdiewa u l-forestiera individwali jistgħu jipprovdu ħarsa ġenerali aktar ċara tal-ispejjeż u l-benefiċċji reali;
5. jopponi bil-qawwa li l-proposta tiffoka l-aktar fuq il-foresti bħala bjar tal-karbonju, mingħajr ma tikkunsidra r-rwol tagħhom li jipprovdu materja prima sostenibbli għas-sostituzzjoni ta' alternattivi fossili, u b'hekk tonqos milli tapprezza l-potenzjal sħiħ tas-settur tal-forestrija fil-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u fl-iżvilupp tal-bijoekonomija lokali u reġjonali;
6. jirrimarka li l-irkupru tal-enerġija mill-bijomassa tal-injam jeħtieġ li jitnaqqas sabiex jintlaħqu l-miri fis-settur tal-LULUCF. L-użu ta' kaskati għandu jkun prijoritizzat, bil-bijomassa tintuża aktar minn darba bħala materjal tal-ogħla kwalità possibbli qabel ma tintuża għall-enerġija;
7. jenfasizza li ż-żieda fl-ambizzjonijiet fis-settur tal-LULUCF ma tridx twassal għal importazzjonijiet ta' materja prima ta' oriġini inċerta minn barra l-UE. Dan jista' jfisser li l-miżuri meħuda biex jittejjeb il-bir nett fis-settur tal-LULUCF jistgħu ma jwasslu għall-ebda titjib reali għall-klima fuq livell globali. Hija meħtieġa perspettiva usa' tas-sistema biex jittieħed approċċ olistiku dwar kif is-sekwestru tal-karbonju fil-foresti, l-użu tal-prodotti u l-bijoenerġija mill-foresti jistgħu jgħinu biex jitnaqqas l-impatt fuq il-klima;
8. jikkondividi l-valutazzjoni tal-Kummissjoni li x-xejra negattiva ta' tnaqqis fil-bir tal-karbonju fl-UE jeħtieġ li tiġi kkontrolancjata bħala parti mill-kisba tal-għan fit-tul tan-newtralità klimatika; jaqbel mal-mira proposta tal-UE ta' assorbiment nett ta' 310 miljun tunnellata ta' ekwivalenti ta' CO₂ sal-2030 u jipproponi kontribut nazzjonali addizzjonali għall-mira netta tal-2030 ogħla mill-miri nazzjonali stabbiliti fl-Anness IIA, li għandu jiġi stabbilit b'mod individwali mill-Istati Membri. Il-potenzjal li jiżdied l-assorbiment nett tal-karbonju u li jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra fis-settur tal-LULUCF ivarja ħafna bejn l-Istati Membri. Dan jiddependi mill-kapaċità naturali tal-produzzjoni tal-art u d-distribuzzjoni taż-żona totali tal-art fuq kategoriji differenti ta' użu tal-art. Il-KtR jemmen li ż-żieda fl-ambizzjonijiet sal-2030 jenħtieġ li tkun fl-livell li jkun kompatibbli mal-qafas tal-politika domestika dwar il-klima tal-Istati Membri u li jippermetti l-iżvilupp tal-bijoekonomija f'kull Stat Membru;
9. jemmen li settur komuni għall-agrikoltura u l-forestrija jirriskja li jnaqqas il-pressjoni biex jitnaqqsu l-emissjonijiet fis-settur agrikolu u li l-pajjiżi għonja fil-foresti b'assorbiment nett kbir fil-foresti "jikkompensaw" għall-emissjonijiet f'pajjiżi b'settur agrikolu kbir jew b'emissjonijiet fossili b'mod ġenerali. Jenħtieġ li jittieħdu miżuri biex jittaffa t-tibdil fil-klima f'kull settur u pajjiż abbażi tal-kundizzjonijiet speċifiċi tiegħu;
10. jisħaq li r-Regolament dwar il-LULUCF jenħtieġ li ma jiġix estiż għall-monitoraġġ u r-rapportar ta' oqsma ta' politika oħrajn, li huma rregolati minn leġislazzjoni oħra. Il-proposta tal-Kummissjoni li r-rapportar tal-LULUCF jenħtieġ li jinkludi informazzjoni dwar il-konservazzjoni tal-karbonju f'ħamriji b'intensità ta' karbonju, żoni b'biodiversità għolja, ħamrija restawrata u ħamrija friskju ta' disturb naturali ma ttejjibx il-kwalità tar-rapportar tal-gassijiet serra tas-settur tal-LULUCF;
11. jenfasizza li l-finanzjament li ġej mill-Istati Membri ma jiġix għad-detriment tar-reġjuni. Il-KtR jirrikonoxxi l-ħtieġa li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jiġu infurmati dwar il-possibiltajiet ta' finanzjament biex jappoġġaw l-azzjoni klimatika;
12. iwissi dwar ir-riskju ta' implimentazzjoni mhux effettiva. Il-KtR jappoġġja r-rieżami ppjanat u l-ħtieġa li jiġu kkunsidrati l-konsegwenzi tal-pandemija tal-COVID-19 iżda jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurati li t-trajettorji proposti mir-Regolament dwar l-ESR jiġu segwiti;
13. iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiddefinixxi metodoloġija biex l-awtoritajiet lokali u reġjonali jkunu jistgħu jikkalkulaw l-isforzi tagħhom għat-tnaqqis tal-emissjonijiet b'mod konsistenti mal-miri nazzjonali u li jevitaw distorsjonijiet sproportjonati;
14. jenfasizza r-riskji ta' flessibilità eċċessiva fir-rigward tas-self minn allokazzjonijiet annwali u trasferimenti bejn l-Istati Membri. L-awtoritajiet lokali u reġjonali jeħtieġu ċertezza biex jipplanaw il-politiki tagħhom dwar il-klima u l-ekonomija. Is-sitwazzjonijiet nazzjonali li jippermettu flessibilità fl-ambitu tar-regolament jistgħu jinkludu disparitajiet reġjonali sinifikanti;

15. jirrikonoxxi l-ħtieġa ta' soluzzjonijiet, b'mod partikolari inċentivi li jiġġeneraw dħul, għall-problema ta' dawk ir-reġjuni li jistgħu jesperjenzaw diffikultajiet jew tnaqqis fit-tranżizzjoni meħtieġa għal ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju; jenfasizza l-importanza li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jiġu involuti fl-iżvilupp ta' trajettorji ta' żvilupp sostenibbli li jistgħu jstimulaw l-ekonomija ta' dawn ir-reġjuni;
16. jappoġġja dispożizzjonijiet aktar b'saħħithom dwar pjani ta' azzjoni korrettiva u trasparenza li jenfasizzaw id-dimensjoni reġjonali, li jirrikjedu speċifikazzjonijiet dwar kif għandhom jiġu ttrattati d-disparitajiet reġjonali li jippromovu soluzzjonijiet prattiċi għall-isfidi reġjonali;
17. jišhaq fuq l-importanza tal-kontrolli tal-konformità u jissuġġerixxi li tiġi vvalutata l-possibbiltà ta' penali finanzjarji f'każ ta' nuqqas ta' konformità. Id-dħul mill-penali jenħtieġ li jiġi investit mill-ġdid fl-azzjoni klimatika u fi tranżizzjoni ġusta b'enfasi speċifika fuq l-isfidi reġjonali;
18. jissuġġerixxi riflessjoni dwar ir-Riżerva ta' Sikurezza għall-Istati Membri b'PDG per capita baxx. Il-PDG diġà jitqies meta jiġu stabbiliti l-miri nazzjonali u huwa kontestabbli bħala valur uniku peress li ma jqisx l-istampa kollha tas-sitwazzjoni tar-reġjuni u mhux neċessarjament jimxi id f'id mal-ħtiġijiet kumplessi ta' żvilupp ta' territorju.

Brussell, it-28 ta' April 2022.

Il-President
tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni
Apostolos TZITZIKOSTAS
